# FIT-TWELID TAL-MADONNA

Meta qatt dehra hekk sabiħa
B'ħarstu l-bniedem jilmaħ mar,
Bħalma ra fir-raġġ li s-sema
Fuq l-art xeħet mixgħul nar,
Sewwa sew x'ħin tal-Maħtura
Ta' ġô l-Eden 't-twelid sar?

Qatt u qatt ta' Ġerko l-warda
Lil min jixbaħ lilha rat,
Fil-ġmiel għani, l-fwieħa, l-għamla,
Fil-lewn ħelu li fih sfat,
Ħlief il-warda minn tal-ġenna
Dik Marija 'l artna tat.

Ħarsu ftit, smewiet u kwiekeb,
Anġli u ġnus ta' kollu ż-żmien,
Xmajjar, ibħra, art u siġar
Mifruxin ma' kullimkien,
Sellmu, sellmu lil Marija,
Susan abjad tal-widien.

Bit-twelid ta' dil-Magħżula,
Bħalma jgħidu l-ogħla mħuħ,
Mgħaġġba d-dinja lemħet tinbet
Siġra għammiela, siġra tfuħ,
Din minn ġensna tneħħi l-ħtija
Kellha, lilu tagħti r-ruħ.

Tabilħaqq illi Marija
Ta' dehritha waqt il-ħin,
Imsoqqija bil-ħann t'Alla,
Tarmi bdiet bħal nida bnin,
U bil-milja li hi kellha
Mafwar saret għall-bnedmin.

Sewwa sew kif iż-Żahrija
Tikser fis id-dlamijet,
Hija tmexxi l-baħri mħabbat
Mal-qalila mewġijiet,
Hekk Marija fi twelidha
Għal kull ruħ mill-għoli iddiet.

Ħarsu lejha: hija s-Sebħa,
Li tal-mewt tħarrab id-dlam,
Malli tidher f'tarf ix-xefaq
Tgħid lid-dinja: Alla qam!
Gej warajja biex jifdikom
'N-Nisel għoli t'Abraham.

F'nofs ta' sema ikħal, ikħal,
Donnha xemx li wara s-sbiħ
Tarmi xita ta' dawl qawwi
U l-qalb bl-hena timla sħiħ,
Għax minn ħdanha ferħ il-ġenna
Toħroġ b'għatja lill-erwieħ.

Sliem għalik! ja warda sbejħa,
Susan safi, għerq ta' bħur,
F'dal jum tiegħek, ta' twelidek,
Lilek qalbi tfaħħar tmur.
Sliem għalik, kewkba dawwala,
Int il-għamar tas-Sinjur!

15/1/36

A. G.